

Paġna ewlenija>Tahrìg, networks ġudizzjarji u aġenziji>Tahrìg tal-professjonisti tal-ġustizzja>**Networks u strutturi tat-tahrìg tal-UE**

Networks u strutturi tat-tahrìg tal-UE

Bl-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni Ewropea u aktar mobbiltà għal ċittadini Ewropej, ħarġet hteġa ċara fl-aħħar deċennju għal tahrìg kontinwu għal ġuristi fil-livell Ewropew. Diversi strutturi Ewropej, stabbiliti bis-sostenn tal-Istati Membri, kif ukoll xi organizzazzjonijiet professjonali jipprovdu dan it-tahrìg, ta' spiss b'sostenn ta' ffinanzjar Ewropew.

Networks u strutturi ta' tahrìg fuq livell Ewropew

Organizzazzjonijiet professjonali li jorganizzaw l-attivitajiet ta' tahrìg f'livell Ewropew

Networks ġudizzjarji fil-livell tal-UE li jikkooperaw mal-EJTN dwar it-tahrìg ġudizzjarju Ewropew

Networks u strutturi ta' tahrìg fuq livell Ewropew

Skont il-ħtiġijiet professjonali u partikolari tagħhom, ġuristi jistgħu japplikaw għal struttura waħda jew strutturi oħrajn li huma ppreżentati fil-qosor hawn. Ukoll, ħafa korsijiet huma offriti minn universitajiet u fornituri ta' tahrìg privat.

Għall-imħallfin u l-prosekuturi

In-Network Ewropew għat-Tahrìg Ġudizzjarju (EJTN)

L-EJTN, li ġie stabbilit fis-sena 2000, jiżviluppa standards u kurrikuli ta' tahrìg, jikkoordina skambji u programmi ta' tahrìg ġudizzjarju u jħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-istrutturi nazzjonali ta' tahrìg tal-UE għall-imħallfin u l-prosekuturi. Is-segretarju ġenerali tal-EJTN hu bbażat f'Brussell (il-Belġju). Tista' ssib sommarju tal-attivitajiet tal-EJTN [hawnhekk](#).

Għall-ġuristikollha

L-Akkademja tad-Dritt Ewropew (ERA)

L-ERA toffri konferenzi, seminars, korsijiet professjonali ta' tahrìg u dibattiti dwar politiki f'oqsma differenti tad-dritt tal-UE, imfasslin għall-ġuristi kollha. L-ERA tinsab fi Trier (il-Ġermanja). Tista' ssib sommarju tal-attivitajiet tagħha [hawnhekk](#).

L-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika - l-Ċentru Ewropew għall-Imħallfin u l-Prosekuturi (EIPA)

It-tahrìg fil-liġi tal-Unjoni Ewropea hi waħda mill-oqsma ta' attività tal-EIPA. It-tahrìg hu mfassal għal imħallfin, ġuristi, ċittadini u uffiċjali tal-UE u avukati tas-settur privat. L-EIPA għandu ċentri f'Maastricht (in-Netherlands), il-Lussemburgu, Barċellona (Spanja) u Varsavja (il-Polonja). Tista' ssib sommarju tal-attivitajiet tagħha [hawnhekk](#).

Organizzazzjonijiet professjonali li jorganizzaw l-attivitajiet ta' tahrìg f'livell Ewropew

Dawn l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-ġuristi f'livell Ewropew jorganizzaw xi attivitajiet ta' tahrìg fuq bażi *ad hoc*.

Avukati, barristers, solicitors

Il-Kunsill tal-Kmamar u tal-Assoċjazzjonijiet tal-Avukati tal-Ewropa - [CCBE](#)

Nutara

Il-Kunsill tal-Kmamar tan-Nutura tal-Unjoni Ewropea - [CNUE](#)

Uffiċjali Ġudizzjarji

L-Unjoni Internazzjonali tal-Uffiċjali Ġudizzjarji - [UIHJ](#)

Networks ġudizzjarji fil-livell tal-UE li jikkooperaw mal-EJTN dwar it-tahrìg ġudizzjarju Ewropew

L-EJTN jiġbor il-korpi nazzjonali tat-tahrìg ġudizzjarju tal-Istati Membri tal-UE u bħala tali hu fl-aħjar pożizzjoni biex jikkoordina u jiżviluppa aktar it-tahrìg ġudizzjarju. Hu jikkoopera ma' networks ġudizzjarji oħra fuq livell tal-UE, liema oġettivi u interessi relatati mat-tahrìg rispettivi huma ppreżentati fil-folji informativi li ġejjin:

In-Network Ewropew tal-Kunsilli tal-Ġudikatura ([ENCJ PDF \(166 Kb\) en](#))

In-Network [PDF \(146 Kb\) en](#) tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea ([ACA-Europe PDF \(168 Kb\) en](#))

In-Network Ġudizzjarju Ewropew ([EJN PDF \(159 Kb\) en](#))

In-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji Ċivili u Kummerċjali ([EJN-Civil PDF \(149 Kb\) en](#))

L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Amministrattivi Ewropej ([AEAJ PDF \(152 Kb\) en](#))

L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Ewropej tal-Liġi tal-Kompetizzjoni ([AECLJ PDF \(151 Kb\) en](#))

L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Medjazzjoni ([GEMME PDF \(148 Kb\) en](#))

L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin tal-Qorti Industrijali ([EALCJ PDF \(154 Kb\) en](#))

L-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Imħallfin fil-Liġi dwar ir-Refuġjati ([IARLJ PDF \(156 Kb\) en](#))

Il-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent ([EUFJE PDF \(153 Kb\) en](#))

In-Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent ([ENPE PDF \(153 Kb\) en](#))

Ir-rapport tal-proġett 2013-2014 li jipprovmovi l-kooperazzjoni bejn l-EJTN (in-Network Ewropew tat-Tahrìg Ġudizzjarju) u n-networks msemmija hawn fuq hu disponibbli [hawn PDF \(148 Kb\) en](#).

L-aħħar aġġornament: 12/02/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-Akkademja tad-Dritt Ewropew - ERA

L-oġettiv tal-ERA huwa li tippromwovi l-fehim u l-aħjar prattika tal-liġi tal-UE billi ttipprovdi tahrìg għal ġuristi minn madwar l-Ewropa, kif ukoll forum għal diskussjoni u skambju.

Gruppi destinatari

L-ERA taħdem mal-prattikanti kollha tal-liġi:

Imħallfin

Prosekuturi

Avukati b'uffiċċju privat

Nutara

Konsulenti legali interni u avukati fin-negozju

Uffiċjali tal-infurzar tal-liġi

Avukati fl-amministrazzjoni pubblika

Tipi ta' attivitajiet ta' taħriġ żviluppati

Kif tispjega l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-taħriġ ġudizzjarju ta' Settembru 2011, l-ERA "għandha esperjenza estensiva fejn tidħol l-organizzazzjoni ta' seminars b'suċċess dwar il-liġi tal-Unjoni għal udjenzi multikulturali". Hija toffri konferenzi u korsijiet fuq livelli differenti fiċ-ċentru tagħha fi Trier (iħdejn il-kapitali ġudizzjarja tal-UE fil-Lussemburgu), fi Brussell u madwar l-Ewropa:

Konferenzi u forums annwali sabiex jiġu riveduti u ddibattuti l-aħħar żviluppi

Seminars għall-prattikanti ffukati li jesploraw fid-dettall żvilupp speċifiku

Korsijiet ta' taħriġ bażiku bħala introduzzjoni għal qasam speċifiku tal-liġi tal-UE

Aġġornamenti fi Brussell sabiex jiġu analizzati l-iżviluppi topiċi fil-liġi tal-UE

Korsijiet tal-lingwa legali

L-ERA tipprovdi wkoll:

Korsijiet u riżorsi tat-tagħlim elettroniku

Preżentazzjonijiet elettroniċi bil-parteċipazzjoni tal-aqwa esperti fuq il-liġi tal-UE

Ġurnal legall trimestrali msejjaħ *ERA Forum*

Il-programmi ta' taħriġ tal-ERA jkopru l-firxa sħiħa tal-liġi tal-UE:

Il-liġi pubblika Ewropea, eż. il-liġijiet istituzzjonali, id-drittijiet fundamentali, l-ażil u l-immigrazzjoni, il-liġi ambjentali, it-tassazzjoni

Il-liġi privata Ewropea, eż. il-protezzjoni tal-konsumatur, il-liġi soċjali u industrijali, il-liġi privata internazzjonali, il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili

Il-liġi dwar in-negozju Ewropew, eż. il-liġi tal-kompetizzjoni, l-akkwist pubbliku, id-drittijiet tal-propjetà intellettwali, il-liġi tal-kumpaniji, is-servizzi finanzjarji

Il-liġi kriminali Ewropea, eż. il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, il-kooperazzjoni tal-pulizija

Attivitajiet tal-2015

Fl-2015 l-ERA organizzat **157 avveniment ta' taħriġ** li attendew għalihom 6903 **ġurista minn 54 pajjiżi**. Hija offriet ukoll 7 **korsijiet tat-tagħlim elettroniku** u madwar 60 preżentazzjoni elettronika.

L-**isfond professjonali** tal-parteċipanti kien:

Imħallfin: 27%

Prosekuturi: 5%

Avukati b'uffiċċju privat: 24%

Konsulenti interni: 5%

Uffiċjali tal-infurzar tal-liġi: 1%

Uffiċjali tal-UE: 7%

Uffiċjali tal-Ministeru: 6%

Impjegati taċ-ċivil oħra: 9%

Akkademiċi: 5%

Rappreżentanti ta' Fondazzjonijiet/NGOs: 4%

Oħrajn: 6%

Sħubijiet internazzjonali/ftehimiet

L-ERA, membru fundatur tan-[EUNET Network Ewropew ta' Taħriġ Ġudizzjarju](#) (EJTN), kienet eletta mill-ġdid fil-Kumitat ta' Tmexxija tal-EJTN fl-2013 għall-perjodu 2014-2017. Għall-istess perjodu, l-ERA kienet eletta biex tippresjedi fuq il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Programmi tan-[EUNET](#) u kienet membru fil-Grupp ta' Ħidma tagħha dwar it-Teknoloġiji. Għandha wkoll relazzjonijiet tajba ma' istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju individwali, li ma' bosta minnhom għandha ftehim qafas għall-organizzazzjoni konġunta ta' attivitajiet ta' taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi.

L-ERA taħdem ukoll regolarment fuq il-bażi ta' kull proġett għalih mal-[Kunsill tal-Kmamar u tal-Assoċjazzjonijiet tal-Avukati tal-Ewropa](#) (CCBE), mal-[Kunsill tan-Nutara tal-Unjoni Ewropea](#) (CNUe), mal-[Assoċjazzjoni Ewropea tal-Avukati tal-Kumpaniji](#) (ECLA) kif ukoll ma' organizzazzjonijiet oħra tal-avukati fil-livell Ewropew u nazzjonali.

Bħala fondazzjoni ta' benefiċċju pubbliku, l-ERA hija membru taċ-[Ċentru Ewropej tal-Fondazzjonijiet](#).

Storja

L-ERA twaqqfet fl-1992 fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew. Il-patroni fundaturi kienu l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, il-*Land* ta' Rhineland-Palatinate, il-Belt ta' Trier u l-Assoċjazzjoni Ħbieb tal-ERA. Fis-snin ta' wara, 25 mit-27 Stat Membru tal-UE, fost oħrajn, ingħaqdu mal-Fondazzjoni.

Detalji ta' kuntatt

L-*Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA)*

Metzer Allee D-54295 Trier - il-*Ġermanja*

Tel.: +49 651 93737-0

Uffiċċju fi Brussell

Avenue d'Auderghem 36 - B-1040 Brussels - *Belgium*

Posta Elettronika: info@era.int

Numru ta' persunal: 70

Status legali: L-ERA hija fondazzjoni pubblika mingħajr skop ta' profit.

Link relatat

[Il-websajt tal-ERA](#)

L-aħħar aġġornament: 12/02/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviżi legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Imħallfin u l-Avukati huwa Antenna speċjalizzata tal-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (European Institute of Public Administration, EIPA). Iċ-Ċentru jinsab fil-Lussemburgu u huwa ddedikat biex jagħti taħriġ lill-imħallfin, lill-prosekuturi, lill-avukati bi prattika privata u lill-avukati minn amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri tal-UE, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi bi ftehim ta' assoċjazzjoni mal-UE kif ukoll fil-pajjiżi tal-EFTA.

Tipi ta' attivitajiet ta' taħriġ żviluppati

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-taħriġ ġudizzjarju ta' Settembru 2011 tidentifika l-EIPA bħala wieħed mill-ftit fornituri fil-livell Ewropew tat-taħriġ lill-ġudikatura u l-professjonijiet legali l-oħra. Il-parti l-kbira ta' dawn l-attivitajiet ta' taħriġ hija żviluppata u mibgħuta miċ-Ċentru Ewropew tal-EIPA għall-Imħallfin u l-Prosekuturi (EIPA ECJL).

Minbarra t-taħriġ b'reklutaġġ miftuħ u l-attivitajiet tal-konferenzi, l-EIPA ECJL jipprovdi varjetà ta' **taħriġ orjentat lejn il-prattika u mfassal apposta**, konsulenza u servizzi ta' kkwocjar, kif ukoll riċerka komparattiva relatata mal-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE u taħriġ ġudizzjarju fl-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati mal-UE (pajjiżi kandidati, pajjiżi tal-EFTA, eċċ.). Dawn is-servizzi jingħataw f'kuntratti u għotjiet ta' azzjoni mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-UE jew permezz ta' kuntratti bilaterali mal-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Fil-kategorija tal-attivitajiet b'**reklutaġġ miftuħ**, iċ-Ċentru joffri dawn it-tipi ta' attivitajiet li ġejjin:

workshops orjentati lejn il-prattika b'tul ta' żmien li jvarja

programmi edukattivi ta' tul il-ħajja għall-adulti, bħal programmi ta' Masters u korsijiet ta' livell ta' Masters (kemm bil-metodu tradizzjonali kif ukoll imħallat ma' programmi ta' taġġim onlajn); l-offerta taġġna tipprovdi programmi twal minn ġimgħa sa sentejn

tutorials ta' taġġim elettroniku magħżula individwalment dwar l-aċċess għad-dokumenti, kwistjonijiet tas-suq intern (bħall-movement ħieles tan-nies, l-akkwist pubbliku, eċċ.), il-liġi ambjentali u kwistjonijiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja

konferenzi dwar l-iżviluppi reċenti f'oqsma legali varji, bħal-liġi tal-UE dwar l-ambjent u dwar is-servizzi finanzjarji, kwistjonijiet dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-liġi tal-UE dwar is-servizz pubbliku u tendenzi reċenti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fil-kategorija tal-**attivitajiet kuntrattwali**, l-EIPA u ċ-Ċentru Ewropew għall-Imħallfin u l-Avukati fil-Lussemburgu tiegħu jspeċjalizzaw f'dawn it-tipi ta' attivitajiet **imfasslin apposta** b'konsultazzjoni mal-klijenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi taġġhom:

workshops **li jikkombinaw taġġim ibbażat fuq il-problemi u sessjonijiet ta' kkwocjar**

żjarat ta' studju, waħedhom jew flimkien ma' sessjonijiet ta' taħriġ dwar temi magħżulin

attivitajiet ta' **taġġim imħallat** imfassla apposta

moduli ta' **taħriġ inizjali** għall-imħallfin, prosekuturi u persunal tal-qorti li mhumiex imħallfin ta' tul li jvarja

workshops ta' **taħriġ għat-trejners**, inkluż l-iżvilupp ta' materjal u manwali għat-taħriġ

B'mod topiku, l-attivitajiet ta' taħriġ tal-EIPA ECJL ikopru

il-liġi istituzzjonali tal-UE (u taż-ŻEE)

Id-dritt amministrattiv Ewropew u d-drittijiet fundamentali

L-affarijiet regolatorji Ewropej, bħal-liġi ambjentali, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sikurezza tal-ikel, il-liġi soċjali u tax-xogħol

L-oqsma kollha tas-suq intern tal-UE, inklużi s-servizzi finanzjarji, l-akkwist pubbliku u l-liġi tal-kompetizzjoni

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea u internazzjonali fi kwistjonijiet tal-familja, kummerċjali u ċivili oħrajn kif ukoll il-kooperazzjoni għall-infurzar tal-liġi u l-infurzar ġudizzjarju f'materji kriminali

Il-proċeduri ta' kif tillitiga quddiem il-qorti tal-UE u tal-EFTA

Iċ-Ċentru jspeċjalizza wkoll f'attivitajiet ta' taħriġ u kkwocjar immirati biex **isaħħu l-indipendenza tal-ġudikatura u biex isaħħu l-amministrazzjoni u l-kwalità tal-ġustizzja** permezz tal-identifikazzjoni u l-qsim tal-għarfien u l-esperjenza prattika f'oqsma bħal

l-introduzzjoni tal-ġestjoni tal-kwalità fis-settur tal-ġustizzja

il-ġestjoni ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji (qrati, uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi, istituzzjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju)

l-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ ġudizzjarju u l-evalwazzjoni tal-kwalità kif ukoll l-effetti tat-taħriġ ġudizzjarju, eċċ.)

l-etika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni

ir-relazzjonijiet pubbliċi u politiki u ħiliet tal-komunikazzjoni

l-introduzzjoni u l-użu ta' għodod tal-ġustizzja elettronika

Attivitajiet attwali

L-EIPA jimplimenta kull sena bejn 600 u 700 attività ta' taħriġ, li għalihom jattendu bejn 12 – 14 000 persuna. Skont dan, l-EIPA ECJL iwettaq bejn **110 u 130**

attività ta' taħriġ fis-sena indirizzati lill-gruppi mira msemmija qabel.

Numru ta' attivitajiet ta' taħriġ (inkluż it-taħriġ u l-iżjajar ta' studju inizjali.) fl-2015 b'kollox: 131

Attivitajiet għall-imħallfin, għall-prosekuturi pubbliċi u għall-avukati bi prattika privata: 28

Attivitajiet għall-professjonijiet legali l-oħra, inklużi persunal tal-qorti li mhumiex imħallfin: 3

Attivitajiet għall-avukati u oħrajn li jaħdmu fl-amministrazzjoni pubblika: 100

Numru ta' parteċipanti fl-2015 b'kollox: 2 423

Attivitajiet għall-imħallfin, għall-prosekuturi pubbliċi u għall-avukati bi prattika privata: 375

Attivitajiet għall-professjonijiet legali l-oħra, inklużi persunal tal-qorti li mhumiex imħallfin: 26

Attivitajiet għall-avukati li jaħdmu fl-amministrazzjoni pubblika: 2 022

In-numru medju ta' ġranet għal kull parteċipant fl-2015 b'kollox: 2

Attivitajiet għall-imħallfin, għall-prosekuturi pubbliċi u għall-avukati bi prattika privata: 2

Attivitajiet għall-professjonijiet legali l-oħra, inklużi persunal tal-qorti li mhumiex imħallfin: 4

Attivitajiet għall-avukati li jaħdmu fl-amministrazzjoni pubblika: 2

L-istatistika ta' hawn fuq tinkludi t-taħriġ inizjali, it-taħriġ kontinwu, l-attivitajiet ta' kkwocjar u ż-żjarat ta' studju kif ukoll parteċipanti minn ġewwa u barra l-UE, iżda din ma tinkludix figuri relatati mal-programm Master taċ-Ċentru. Barra minn hekk, iċ-ċifri jinkludu kemm l-attivitajiet b'reklutaġġ miftuħ kif ukoll l-attivitajiet ifffinanzjati parzjalment (pereżempju permezz ta' għotjiet ta' azzjoni tad-DĠ Ġustizzja) u bis-sħiħ permezz ta' kuntratti mogħtija lill-EIPA mill-istituzzjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali. Madankollu, dawn ma jinkludux il-maġistrati u l-avukati mħarrġa permezz tal-proġett Euromed Justice III immexxi mill-EIPA.

Shubji internazzjonali / ftehimiet

L-EIPA huwa parti min-Netwerk tal-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea (EUPAN).

L-EIPA ECJL daħal fi ftehimiet ta' kooperazzjoni bilaterali ma' istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju f'għadd ta' Stati Membri tal-UE u pajjiżi kandidati. Matul is-snin, l-EIPA haġem — u jkompli jaħdem — fuq bażi ta' proġetti individwali mal-istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju fl-Ewropa kollha kif ukoll ma' assoċjazzjonijiet fuq livell Ewropew għal diversi professjonijiet legali, pereżempju l-Kunsill tal-Kmamar tan-Nutara tal-Unjoni Ewropea (Council of the

Notariats of the European Union, CNUE), il-Kamra Ewropea tal-marixxalli ġudizzjarji (CEHJ) u l-Kunsill Nazzjonali tal-Avukati u s-Soċjetajiet tal-Liġi tal-Ewropa (Council of the Bars and Law Societies of Europe, CCBE).

Storja

L-EIPA twaqqaf fl-1981 bħala **fondazzjoni awtonoma mingħajr skop ta' qligħ** biex jipprovi taħriġ immirat dwar kwistjonijiet ta' Integrazzjoni Ewropea li jindirizza l-bżonnijiet tal-awtoritajiet nazzjonali (inkluża l-Ġudikatura) tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Istituzzjonijiet Ewropej. Illum, 22 Stat Membru tal-UE + in-Norveġja huma membri tal-EIPA.

Fl-1992, l-EIPA stabbilixxa l-ewwel l-antenna tiegħu, iċ-**Ċentru Ewropew għall-Imħallfin u għall-Avukati**, fil-Lussemburgu, bl-objettiv speċifiku li jipprovi taħriġ għall-Ġudikatura u għall-pubbliku kif ukoll għall-avukati bi prattika privata dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġijiet Komunitarji – issa, il-liġi tal-UE.

Fl-2012, iċ-Ċentru Ewropew għall-Imħallfin u għall-Avukati tal-EIPA adotta approċċ topiku mmirat lejn il-gruppi fil-mira prinċipali tiegħu. Speċifikament għal membri tal-ġudikatura (inkluż il-persunal li mhux maġistrat) kif ukoll il-professjonijiet legali oħra, l-attivitajiet ta' Ċentru jiffokaw fuq il-forniment ta' programmi ta' taħriġ **prattiku u mfassla apposta** kif ukoll konsulenza u kowċing, bil-għan li jxerdu mhux biss l-għarfien, iżda wkoll l-għerf prattiku u l-prattiki tajbin kif ukoll jikkontribwixxu għall-bini tal-fiduċja transfruntiera.

Detalji ta' kuntatt

EIPA Luxembourg – European Centre for Judges and Lawyers

2, circuit de la Foire Internationale, 1347 Luxembourg, LUXEMBOURG

Posta elettronika: [✉ info-lux@eipa.eu](mailto:info-lux@eipa.eu)

Numru ta' persunal: 15

Status legali: Fondazzjoni mhux għal profitt

Link relatat

[✉ Sit web tal-EIPA](#)

L-aħħar aġġornament: 12/02/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviżi legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

In-Network Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju - EJTN

Iddedikat għall-eċċellenza fit-taħriġ ġudizzjarju Ewropew, l-EJTN huwa l-pjattaforma u l-promotur prinċipali għat-taħriġ u l-iskambju ta' għarfien fil-ġudikatura Ewropea. Huwa jirrappreżenta l-interessi ta' aktar minn 120 000 imħallef, prosekutur u ħarrieġ ġudizzjarju Ewropew f'bosta oqsma ta' taħriġ bħal-liġi ċivili, il-liġi kriminali u dik kummerċjali tal-UE, il-lingwistika u kwistjonijiet tas-soċjetà.

Il-viżjoni tal-EJTN hija li jgħin it-trawwim ta' kultura legali u ġudizzjarja Ewropea komuni. Il-mandat tiegħu huwa li jgħin jibni żona Ewropea tal-ġustizzja u jippromwovi l-għarfien tas-sistemi legali tal-Unjoni Ewropea, biex b'hekk itejjeb il-komprensjoni, il-fiduċja u l-kooperazzjoni bejn l-imħallfin u l-prosekuturi fl-Istati Membri. Barra minn hekk, l-EJTN jidentifika ħtiġijiet ta' taħriġ u jżviluppa standards u kurrikuli ta' taħriġ, jikkoordina skambji u programmi ta' taħriġ ġudizzjarju, ixxerred il-kompetenzi u l-għarfien fit-taħriġ u jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tat-taħriġ ġudizzjarju tal-UE.

Is-sena 2015 rat tkabbir kontinwu tan-Network, fejn l-EJTN ħarreġ 5032 imħallef u prosekutur, mill-Istati Membri kollha tal-UE, permezz ta' 1815-il skambju u 84 seminar. Din hija żieda ta' 14.38 % fl-għadd ta' jiem ta' taħriġ offruti meta mqabbla ma' ċifri tas-sena ta' qabel. Dan is-suċċess kien ikkomplementat b' aktar twessigħ tal-portafol ta' attivitajiet tal-EJTN.

L-evoluzzjoni riċenti tal-EJTN fetħet possibiltajiet ġodda għal iktar żvilupp, mhux biss biex isaħħaħ l-isforzi ewlenin tiegħu, iżda biex jiffurmaw sħubiji ġodda, partikolarment permezz tal-iffirmar f'Ġunju 2014 tal-Memorandum ta' Qbil ma' diversi networks u assoċjazzjonijiet ġudizzjarji Ewropej.

Fl-aħħar nett, il-kisbiet tal-EJTN ġew imfaħħra fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill "✉ **It-taħriġ tal-prattikanti legali: għodda essenzjali għall-konsolidazzjoni tal-acquis tal-UE**" (2014/C 443/04), fejn intqal illi, fuq livell tal-UE, l-EJTN *qiegħed fl-aħjar pożizzjoni biex jikkordina, permezz tal-Membri tiegħu, attivitajiet nazzjonali ta' taħriġ u jikkordina opportunità ta' taħriġ transfruntiera għall-imħallfin u l-prosekuturi.*

2016: lejn il-futur

Ir-riżultati ewlenin tal-EJTN jistgħu jintwerew kif ġej:

Tishiñ tan-Network, b'referenza għall-għanijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2011 u fl-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020 billi żdied l-għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ, twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' taħriġ — li jżidu oqsma ġodda tal-liġi kif ukoll taħriġ mhux legali għall-imħallfin u l-prosekuturi u fl-aħħar iżda mhux l-anqas, żieda fil-kwalità tagħhom billi jiġu soġġetti għall-proċess ta' evalwazzjoni estensiva u koordinazzjoni ma' bosta sħab meta jiġu żviluppati attivitajiet ta' taħriġ;

Koordinazzjoni u assistenza mtejba għal istituzzjonijiet ta' taħriġ nazzjonali, Membri u Osservaturi, sabiex jiffaċilitaw u jtejbu l-opportunitajiet ta' taħriġ tagħhom permezz tal-iżvilupp sinifikanti tal-Katalgu + u l-Katalgu tal-EJTN kif ukoll bl-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' taħriġ u ta' pjattaformi ta' networking; Prestazzjoni akbar fil-mezzi finanzjarji u metodoloġiċi eżistenti kif ukoll l-għoti ta' esperjenza u know-how permezz tan-networking tal-EJTN permezz ta' attivitajiet iddedikati għall-identifikazzjoni u l-tixrid tal-aħjar prattiki għat-taħriġ u l-metodoloġija tat-taħriġ.

Dawn ir-riżultati jikkontribwixxu għall-miri strateġiċi stabbiliti għall-perjodu 2014–2020:

Li tkompli titrawwem fiduċja reċiproka bejn l-imħallfin u l-prosekuturi minn diversi sistemi ġuridiċi Ewropej;

Li jżied il-livell ta' għarfien tal-liġi tal-UE fost il-ġudikatura Ewropea;

Li jiġu żgurati standards għoljin tal-kwalità tat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew u jiġu promossi standards għoljin ta' kwalità għat-taħriġ ġudizzjarju nazzjonali.

Li jitravwem l-iżvilupp bikri tal-profil Ewropew tal-imħallef u l-prosekutur;

Li jkun hemm żieda fil-funzjoni ta' networking tal-EJTN;

Li jkun hemm hídma lejn kooperazzjoni esterna aktar effettiva;

Bl-għan li tinżamm l-indipendenza ġudizzjarja, li tissaħħaħ kemm jista' jkun, in-natura ewlenija tar-rwol ta' EJTN fl-oqsma kollha tat-taħriġ ġudizzjarju fil-livell tal-UE.

AZZJONIJIET TAL-EJTN

Skambji ġudizzjarji

Permezz ta' immersjoni f'ambjent ġudizzjarju barrani, l-iskambji ġudizzjarji jistgħu jwasslu għall-iskambju tal-aħjar prattiki, kompetenzi u għarfien, u għal sens aktar b'saħħtu ta' appartenenza għal kultura ġudizzjarja komuni.

Il-Programm ta' Skambju rreġistra tkabbir esponenzjali sa mill-**ħolqien tiegħu fl-2005**. Fl-2015, l-EJTN iċċelebra bi kburija l-10 snin tal-Programm ta' Skambju għall-Awtoritajiet Ġudizzjarji. L-għadd ta' benefiċjarji u pajjiżi parteċipanti kif ukoll it-tipi ta' attivitajiet offruti għadu jikber kontinwament: fil-bidu tiegħu, fl-2005, l-imħallfin u l-prosekuturi tal-UE li parteċipaw għall-iskambji kienu 169; fl-2015 dawn kienu 1815.

Tul is-snin, ġiet żviluppata wkoll firxa usa' ta' opportunitajiet ta' skambju, sabiex jiġu ddiversifikati l-azzjonijiet tat-taħriġ proposti u jiġu ssodisfati l-htijijiet differenti tal-ġudikaturi:

Skambji għal żmien qasir fil-qrati tal-Istati Membri tal-UE (minn ġimgħa sa ġimgħtejn);

Perjodi ta' taħriġ itwal (minn 3 xhur sa 12-il xahar), fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-EUROJUST. Skambji Speċjalizzati: innovazzjoni reċenti li tinvolvi skambji bejn imħallfin u prosekuturi speċjalizzati f'diversi oqsma tal-liġi, bħal-liġi ambjentali, id-drittijiet tar-refuġjati, il-liġi tax-xogħol jew il-liġi tal-kompetizzjoni.

Skambji professjonali u żjarat ta' studju dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni: tip ta' skambju ieħor ġdid introdott mill-2015, bi tweġiba għal ħtiġijiet u prijoritajiet dejjem jizjedu tal-maġistratura tal-UE;

Skambji bilaterali bejn il-qrati jew l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni tal-Istati Membri tal-UE, mnedija wkoll fl-2015, fejn grupp ta' prattikanti mill-istess qorti jew uffiċċju tal-prosekutur iżuru flimkien qorti/uffiċċju tal-prosekutur ta' Stat Membru ieħor tal-UE bil-ħsieb li jiġu żviluppanti esperjenzi, l-aħjar prattiki u kooperazzjoni. Skambji għall-ħarrieġa ġudizzjarji li jiffukaw fuq il-metodoloġija ta' taħriġ, inklużi l-aħjar prattiki identifikati fir-rapport abbozzat mill-EJTN fi proġett pilota dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew, li kien propost mill-Parlament Ewropew fl-2012 u eżegwit mill-Kummissjoni Ewropea fl-2013–2014.

L-EJTN għandu l-intenzjoni jkompli jiżviluppa l-offerta tiegħu ta' skambji għall- ġudikatura tal-UE bl-introduzzjoni, mill-2016, ta' skambji ddedikati speċifikament għal presidenti tal-qrati jew kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni tal-Istati Membri tal-UE.

II-Programm AIAKOS

Dan il-programm joffri skambji ta' ġimagħtejn (ġimgħa barra mill-pajjiż u ġimgħa fid-dar mal-kollegi barranin) għal gruppi mħallta ta' apprendisti ġudizzjarji nazzjonali u barranin jew imħallfin u prosekuturi maħtura reċentement għal skejjet ta' taħriġ inizjali, qrati u uffiċċji tal-prosekuzzjoni oħra Ewropej.

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li jqajjem il-kuxjenza tal-benefiċjarji għad-dimensjoni Ewropea tax-xogħol (futur) tagħhom u li jrawwem fehim reċiprodu ta' kulturi u sistemi ġudizzjarji Ewropej differenti. Fl-2015, 401 imħallef u prosekutur futuri tal-UE ħadu sehem fil-[programm AIAKOS](#).

Iż-Żjarat ta' Studju

Iż-żjarat ta' studju ta' bejn jumejn u ħamest ijiem fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Eurojust u l-istituzzjonijiet Ewropej fi Brussell jippermettu lill-imħallfin, il-prosekuturi u l-ħarrieġa minn madwar l-Ewropa jiffamiljarizzaw ruħhom mal-funzjonament ta' dawn l-istituzzjonijiet, kif ukoll jiskambjaw kompetenzi, esperjenzi u l-aħjar prattiki.

Fl-2015, kważi 400 imħallef u prosekutur ħadu sehem fi żjarat ta' studju tal-EJTN.

Workshops ta' taħriġ u seminars

Seminars dwar il-Ġustizzja Kriminali

Il-kunfidenza u l-fiduċja reċiproka huma l-bażi tal-applikazzjoni effettiva ta' ġustizzja kriminali fiż-żona tal-Unjoni Ewropea. It-taħriġ ġudizzjarju fil-qasam tal-ġustizzja kriminali jiżgura kooperazzjoni transfruntiera bla xkiel, rikonossiment ta' sentenzi f'materji kriminali kif ukoll professjonisti li jkollhom fiduċja fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali ta' xulxin.

F'dan il-qasam, l-EJTN jipprova mudelli innovattivi ta' taħriġ (tagħlim bil-prattika) permezz ta' Seminars dwar il-Ġustizzja Kriminali, bl-għan li jsaħħaħ fehim aħjar dwar il-qafas legali attwali tal-UE ta' ġustizzja kriminali biex jippermetti li l-ġuristi jikkoooperaw ma' xulxin bejn il-fruntieri.

It-tiżni tal-kooperazzjoni bejn il-korpi Ewropej differenti u l-EJTN huwa l-pedament ta' proġetti żviluppanti mill-EJTN fil-qasam tal-ġustizzja kriminali. L-irwol tan-NĠE u l-Eurojust waqt is-seminars tal-EJTN huwa dak ta' atturi ewlenin li jrawmu l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Is-seminars kooperattivi SIKs mas-CEPOL, u b'kollaborazzjoni man-netwerk tas-SIKs, sabiex l-uffiċċjali ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi jtejbu l-kooperazzjoni transfruntiera f'investigazzjonijiet kumplessi. Barra minn hekk, l-EJTN u n-Netwerk Ewropew għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra (in-Netwerk dwar il-Ġenoċidju) implimentaw flimkien b'suċċess programm ta' taħriġ dwar ir-reati kriminali internazzjonali l-aktar serji u l-impatt tiegħu fl-UE.

Is-Seminars dwar is-Salvagwardji Proċedurali fil-Proċedimenti Kriminali fl-UE (sett ġdid ta' seminars li għandhom jiġu implimentati fl-2016) għandhom l-għan li joffru fehim aħjar u jipprova ħarsa ġenerali lejn id-drittijiet tad-difiża kriminali taħt il-liġi tal-UE permezz ta' sett ta' Direttivi mfassla biex jissaħħu s-salvagwardji proċedurali (interpretazzjoni u traduzzjoni, informazzjoni u aċċess għas-servizzi ta' avukat).

Fl-2015, aktar minn 400 parteċipant ħadu sehem f'seminars dwar il-ġustizzja kriminali.

Proġett tal-Lingwistika

L-EJTN qed jagħti attenzjoni speċjali lit-tfassil ta' proġetti lingwistiċi tal-UE għat-taħriġ ġudizzjarju fl-Ingliż u l-Franċiż legali. Kull sena mill-2011 'il quddiem, ġew organizzati diversi seminars tal-lingwaġġ legali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ċivili f'diversi Stati Membri tal-UE. Il-korsijiet jimmiraw lejn l-iżvilupp ta' kemm il-ħiliet legali kif ukoll lingwistiċi tal-parteċipanti billi jgħaqqdu l-informazzjoni legali u l-eżerċizzji tal-lingwa b'mod prattiku u dinamiku. Għandhom l-għan ukoll li joħloqu l-kundizzjonijiet biex jiġu stabbiliti kuntatti diretti bejn il-prattikanti tal-liġi ta' Stati Membri differenti tal-UE sabiex jipprova kultura ġudizzjarja Ewropea komuni.

Il-Programm Lingwistiku tal-2015 tal-EJTN joffri firxa kbira ta' opportunitajiet ta' taħriġ għall-ġudikatura Ewropea: minbarra t-taħriġ lingwistiku dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ċivili, jinkludi taħriġ lingwistiku fid-drittijiet tal-bniedem u moduli ta' taħriġ eLearning.

Minbarra s-seminars, il-Programm Lingwistiku ħareġ Manwal aġġornat li jindirizza kemm il-vokabularju Ingliż kif ukoll dak Franċiż marbut mal-liġi kriminali.

Il-Manwal Lingwistiku huwa disponibbli f'format elettroniku [hawnhekk](#).

Il-mira ta' 1000 imħallef u prosekutur mħarrġa fl-attivitatijiet lingwistiċi sa mill-implimentazzjoni tal-ewwel seminar lingwistiku (li sar fi Frar 2011) intlaħqet fl-2015, sena li fiha kien hemm il-parteċipazzjoni ta' aktar minn 300 ġurist Ewropew minn aktar minn 20 Stat Membru tal-UE fil-Programm Lingwistiku tal-EJTN fl-oqsma ċivili, kriminali, u tad-drittijiet tal-bniedem.

Proġett tal-Liġi Amministrattiva

Is-Sottogrupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Amministrattiva huwa l-espressjoni ta' impenn tal-EJTN biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-prattikanti ġudizzjarji kollha madwar l-Ewropa, li joffri sett ta' taħriġ f'oqsma differenti bħalma huma l-akkwist pubbliku tal-UE, il-liġi tal-ażil, ir-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), id-drittijiet tal-bniedem u l-aċċess għall-ġustizzja, il-liġi dwar it-taxxa, u ħafna aktar. Matul dan it-taħriġ, il-parteċipanti jittgħallmu aktar dwar il-kontropartijiet tagħhom madwar l-Ewropa filwaqt li jiġu diskussi l-kwistjonijiet legali ewlenin ma' esperti ewlenin fl-oqsma korrispondenti. Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħti lill-parteċipanti l-opportunità biex jipparteċipaw f'seduta tal-Awla Manja u jiddiskutu l-eżitu ta' proċedimenti differenti ma' uffiċċjali attwali u eksuffiċjali tal-Qorti. Fl-2015, is-Sotto-Grupp ta' Ħidma fil-Liġi Amministrattiva nġhaqad ma' sħab — mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin għall-Medjazzjoni (GEMME), l-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Amministrattivi Ewropej (AEAJ) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin fil-Liġi dwar ir-Refuġjati (IARLJ) fejn organizzaw taħriġ ta' kwalità għolja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, l-ADR, u l-liġi tal-ażil. Il-proġett irċieva wkoll l-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea attwali u preċedenti, l-uffiċċjali tal-KEDB u l-QĠUE, kif ukoll mill-Programm HELP tal-Kunsill tal-Ewropa, biex iwasslu taħriġ ibbażat fuq peer-exchanges u eżerċizzji prattiki. Bil-ħsieb li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-attivitatijiet tiegħu, is-Sotto-Grupp ta' Ħidma fil-Liġi Amministrattiva jibqa' impenjat biex kull sena jxandar mill-inqas żewġ sessjonijiet tat-taħriġ tiegħu. L-2015 ġab miegħu kemm podcast dwar l-akkwist pubbliku u taħriġ fuq il-liġi tal-UE dwar l-ażil.

Fl-2015, aktar minn 200 imħallef, prosekutur u ħarrieġ ġudizzjarju attendew is-sessjonijiet ta' taħriġ tas-Sotto-Grupp ta' Ħidma fil-Liġi Amministrattiva.

II-Proġett tal-Ġustizzja Ċivili

Il-proġett CiLaw jimmira biex itejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ta' dritt ċivili u jiffoka fuq l-iżvilupp tal-kultura ġudizzjarja u s-sistemi legali tal-pajjiżi parteċipanti kif ukoll l-aspetti ewlenin tal-liġi tal-UE. Is-suġġetti ewlenin ta' seminars dwar il-liġi ċivili huma l-liġi tal-familja, il-liġi tal-kumpaniji, il-liġi proċedurali Ewropea u l-liġi kummerċjali.

Il-proġett dwar il-Liġi Ċivili joffri attivitajiet ta' taħriġ ta' jumejn immirati lejn imħallfin u prosekuturi madwar it-27 Stat Membru tal-UE.

Fl-ambitu tas-seminars dwar il-Liġi Ċivili, azzjonijiet futuri se jnvolvu s-segwitu ta' firxa usa' ta' oqsma, sabiex tingħata offerta aktar kompleta għall-ħtiġijiet ta' taħriġ ta' professjonisti tal-ġustizzja tal-UE. Is-Sotto-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Ċivili tal-EJTN se jkompli jimplimenta seminars dwar il-liġi ċivili fl-2016 ukoll, sabiex jagħti aċċess liberu lill-professjonisti interessati kollha tal-UE għall-programmi ta' taħriġ. Skont il-qafas ta' kooperazzjoni ma' sħab tal-proġett tal-EJTN u dejjem fit-tfittxija għal sfidi ġodda ta' taħriġ, is-Sotto-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Ċivili jippjana li jikkoopera mal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Medjazzjoni (GEMME) fl-implimentazzjoni tal-avveniment ripetut b'suċċess ta' taħriġ dwar kwistjonijiet ta' Proċedura Ċivili Ewropea f'Materji tal-Liġi tal-Familja.

Matul l-2015, 239 maġistrat tal-UE ħadu sehem f'seminars dwar il-liġi ċivili.

Metodi ta' taħriġ ġudizzjarju

Il-Metodi ta' Taħriġ Ġudizzjarju (JTM) ġew uffiċjalment inawgurati fl-2015 u l-opportunitajiet li wasslu għall-ħolqien tal-grupp ta' ħidma tiegħu wiegħbu għall-ħtiġijiet li ġejjin:

It-tqassim ta' Prattiki tajba fit-taħriġ ġudizzjarju fost il-professjonisti tal-ġustizzja tal-UE, filwaqt li jiġu stabbiliti approċċi ġodda lejn għarfien u tagħlim, li-ħtieġa li jikkombinaw it-taħriġ ġudizzjarju mal-kwalità tal-ġustizzja.

Il-JTM jista' jitqies bħala *fil rouge* mal-azzjonijiet implimentati kollha tal-EJTN billi l-għan tiegħu jikkonsisti f'li jipproponi l-aktar metodoloġiji ta' taħriġ effiċjenti u konkreti kif ukoll it-tisħiħ tad-disseminazzjoni tal-aħjar Prattiki, li huma rekwiżiti essenzjali għal kull azzjoni ta' taħriġ ġudizzjarju.

Fl-2015, ix-xogħlijiet tal-Grupp ta' Ħidma JTM ġew irranġati skont tliet temi topiċi u tliet oqsma ewlenin ta' azzjoni: Evalwazzjoni/valutazzjoni, is-Sengħa u t-Tmexxija.

B'attenzjoni partikolari fuq l-għodda, huwa aġġornat [Manwal tal-EJTN dwar il-Metodoloġija dwar it-Taħriġ Ġudizzjarju fl-Ewropa](#) (qabel kien magħruf bħala l-Manwal "Ħarreġ lil Min l'ħarreġ"—pubblikat fl-2013), biex ikun aktar aċċessibbli u jista' jitqassam aktar faċilment. Barra minn hekk, ġew imfassla kwestjonarji ta' evalwazzjoni tat-taħriġ u manwal dwar il-valutazzjoni biex jiffavorixxu l-iskambji ta' Prattiki tajba bejn istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ.

Fl-ewwel sena tiegħu ta' azzjoni kien hemm 131 parteċipanti fl-azzjonijiet JTM.

Il-Kompetizzjoni Themis għall-membri tal-ġudikatura Ewropea

Il-Kompetizzjoni THEMIS tal-EJTN hija miftuħa għall-apprendisti ġudizzjarji mill-Ewropa u għandha l-għan li trawwem skambju ta' fehmiet u li jiġu żviluppati approċċi ġodda dwar temi relatati mal-kooperazzjoni ċivili u kriminali internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u deontoloġija ġudizzjarja. L-objettiv ewleni tal-kompetizzjoni THEMIS huwa li tlaqqa' flimkien maġistrati futuri minn pajjiżi Ewropej differenti sabiex ikunu jistgħu jaqsmu valuri komuni, jaqsmu esperjenzi ġodda u jiddiskutu perspettivi ġodda foqasma ta' interess komuni.

Din il-kompetizzjoni hija organizzata mill-EJTN kull sena u hija miftuħa għal studenti tal-liġi mill-istituzzjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju kollha li huma membri jew osservaturi tal-EJTN. Timijiet ta' tliet apprendisti ġudizzjarji, akkumpanjati minn għalliem/tutor, jistgħu jirreġistraw għal din il-kompetizzjoni li tikkonsisti minn erba' rawnds ta' semifinali u l-Gran Finali. Ir-rebbieħ u min jiġi t-tieni minn kull semifinali jgħaddu għall-Gran Finali. Il-premju tat-tim rebbieħ huwa żjara ta' studju ta' ġimgħa, organizzata jew iffinanzjat mill-EJTN, fi kwalunkwe istituzzjoni ġudizzjarja Ewropea. It-temi tas-semifinali u l-Gran Finali huma differenti; fl-2015, dawn kienu jkkonċernaw il-Kooperazzjoni Internazzjonali f'Materji Kriminali, il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali f'Materji Ċivili (il-Liġi tal-Familja Ewropea), il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali fi kwistjonijiet ċivili (Proċedura Ċivili Ewropea), l-Etika Ġudizzjarja u l-Kondotta Professionali, id-Dritt għal Proċess Ġust (l-Art. 47 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali u l-Art. 6 tal-ECHR).

Fl-2015, 44 tim ħadu sehem fil-kompetizzjoni THEMIS għall-għadd globali ta' 164 parteċipant.

Katalgu

Il-katalgu ġenerali tal-EJTN ilu jeżisti mill-2003. Huwa katalgu ta' attivitajiet ta' taħriġ organizzati u magħżula mill-membri tal-EJTN u offruti lill-ġudikatura tal-Istati Membri tal-UE. Fl-2015, 16-il istituzzjoni ġudizzjarja offrew 216-il seminar għall-Katalgu Ġenerali tal-EJTN. It-temi ewlenin koperti mill-Katalgu Ġenerali kienu jinkludu l-Prattiki Professionali, kwistjonijiet soċjali, lingwistika, ħiliet ġudizzjarji, id-drittijiet tal-bniedem, il-forensika, il-liġi internazzjonali Ewropea, il-liġi kriminali, il-liġi ċivili u l-liġi amministrattiva. L-għadd totali ta' parteċipanti barranin fil-programm tal-Katalgu Ġenerali fl-2015 kien ta' 1407.

Katalgu+ tal-attivitajiet ta' taħriġ fl-Istati Membri kollha

L-għan ta' dan il-proġett huwa li l-maġistrati Ewropej jingħataw l-opportunità li jattendu korsijiet ta' taħriġ organizzati mill-Istituzzjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju li huma membri tal-EJTN. Fl-2015, 17-il istituzzjoni ġudizzjarja ħadu sehem fil-proġett, kull wieħed minnhom organizza seminar dwar it-tema tad-dritt. B'kollox, 280 post ġew offruti lill parteċipanti barranin. Bħala miżura ta' suċċess tal-programm, kien hemm rata ta' teħid ta' 72% tan-numru totali ta' postijiet ta' taħriġ offruti, li laħaq 206 parteċipant barrani. Barra minn hekk, ħadu sehem 1251 parteċipant nazzjonali fis-seminar tal-Katalgu + offruti mill-istituzzjonijiet ta' taħriġ nazzjonali rispettivi tagħhom. Għas-sena 2015, 1457 maġistrat irċewew taħriġ.

Seminars dwar il-Ġlieda kontra t-terroriżmu

Imniedi fl-2015, dan huwa programm ta' taħriġ komprensiv għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu u r-Radikalizzazzjoni lejn Estremiżmu Vjolenti.

L-EJTN ilu jespandi għal aktar minn għaxar snin biex jintlaħqu l-isfidi li qed tiffaċċa l-ġudikatura Ewropea. Il-bżonn urġenti għal azzjoni konġunta u koordinata u programmi tat-taħriġ iffukati fuq il-kawżi ewlenin tal-estremiżmu vjolenti u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kif ukoll kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-iskambju tal-aħjar Prattiki dwar l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' reati terroristiċi, ġew enfasizzati ripetutament minn għadd ta' dikjarazzjonijiet reċenti ta' livell għoli, u, sfortunatament, enfasizzati minn avvenimenti reċenti madwar l-Ewropa. Kien f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni Ewropea fdat lill-EJTN, flimkien mal-Membri u s-sħab tagħha, bi-żvilupp ta' programm ta' taħriġ komprensiv għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni għall-estremiżmu vjolenti, biex tiġi implimentata bejn Settembru 2015 u Mejju 2016 u mfassla skont il-ħtiġijiet tal-partijiet interessati rilevanti u l-prattikanti madwar l-UE. Dan il-proġett jagħti lill-imħallfin, il-prosekuturi u l-professjonisti tas-settur tal-ġustizzja forum uniku għall-iskambju tal-esperjenzi u l-aħjar Prattiki mal-kontropartijiet tagħhom madwar l-Ewropa, biex jiddiskutu l-aħjar żviluppi u sfidi legali fil-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni ta' każijiet li jnvolvu għallieda terroristiċi barranin u estremisti vjolenti oħra delinkwenti, u biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' radikalizzazzjoni u l-mekkaniżmi għall-prevenzjoni tiegħu u l-identifikazzjoni.

Fl-ewwel sena tagħha ta' azzjoni, aktar minn mitt maġistrat tal-UE attendew seminars ta' kontra t-terroriżmu.

Għodod elettroniċi

L-EJTN tinvesti fl-iżvilupp ta' diversi għodda elettroniċi biex twessa' l-ambitu tal-opportunitajiet ta' taħriġ ġudizzjarju kif ukoll tipprovi r-riżorsi meħtieġa għal dawk li jimmaniġġjaw programmi ta' taħriġ ġudizzjarju u l-kontenut.

Hemm bżonn dejjem preżenti li jinxtered it-taħriġ ġudizzjarju u l-għarfien

lejn udjenza aktar wiesgħa. Hemm ukoll il-ħtieġa li titjeb l-effiċjenza amministrattiva tal-ġestjoni ta' programmi ġudizzjarji u l-parteċipanti tagħhom.

Ugwalment importanti, dawk il-partijiet

li jippanaw jew joffru opportunitajiet ta' taħriġ ġudizzjarju jeftieġu aċċess għal informazzjoni u kuntatti sabiex jaħdmu b'mod effettiv. L-għodda elettroniċi jissodisfaw dawn il-ftejjiet kollha. L-EJTN għamlet disponibbli ħafna tipi ta' għodda elettroniċi. Dawn jinkludu diversi pjattaformi onlajn, is-sistema onlajn ta' applikazzjoni tal-programm, it-tagħlim elettroniku u korsijiet ta' tagħlim imħallat, podcasts u webinars u ġabra ta' riżorsi virtwali. Eżempji: Pjattaforma ta' netwerking, li tiffirma parti essenzjali ta' spazju ta' kollaborazzjoni virtwali għal dawk li jaħdmu fuq proġetti tal-EJTN. Hija tinkludi wkoll diversi għodod essenzjali bħalma huma l-bażi tad-dejta tal-esperti u l-iskambju ta' informazzjoni dwar sejħiet tal-KE tal-pjattaforma L-EJTN iżżomm 4 korsijiet tat-tagħlim elettroniku, li huma liberament aċċessibbli għal kulħadd

Podcast u webinars.

Is-Sħab tal-EJTN:

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Il-Kunsill tal-Ewropa

Cepol

L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil

Eurojust

In-Network dwar il-Ġenoċidju — Network Ewropew għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra

Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti

In-Network tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ)

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea (ACA- Europe)

In-Network Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)

L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin fil-Liġi dwar ir-Refuġjati (IARLJ)

L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin tal-Liġi Ewropea tal-Kompetizzjoni (AECJL)

L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Medjazzjoni (GEMME)

L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin tal-Qrati Industrijali (EALCJ)

Il-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent (EUFJE)

In-Network tal-prosekuturi Ewropej fil-qasam tal-Ambjent (ENPE).

In-network ta' Prosekuturi Pubbliċi jew istituzzjonijiet ekwivalenti fil-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (NADAL)

L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Amministrattivi Ewropej (AEAJ)

Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Kooperazzjoni Ewropea dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (EUJUST)

L-Istitut Max Plank.

Riżultati fundamentali tal-imgħoddi

Imwaqqaf fis-sena 2000, l-EJTN huwa organizzazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ.

1999: Isiru xi laqgħat informali bejn xi kapijiet tal-istituzzjonijiet tat-taħriġ ġudizzjarju fl-UE.

2000: Il-ħolqien ta' Network Ġudizzjarju Ewropew tat-Taħriġ (Il-Karta ta' Bordeaux).

2003: Sar organizzazzjoni internazzjonali Belġjana mingħajr skop ta' qligħ u jakkwista status legali.

2004: Jidħol għal riforma organizzattiva biex jiżgura kapaċità proprja ta' finanzjament u jilqa' istituzzjonijiet tat-taħriġ ġudizzjarju minn Stati Membri ġodda tal-UE.

2005: Jistabbilixxi segretarjat permanenti fi Brussell.

2006: Mogħti l-inkarigu mill-Kummissjoni Ewropea li jimplimenta l-ewwel Programmi ta' Skambju annwali tal-Ġudikatura.

2008: Jiċċelebra r-riżultati fundamentali f'termini ta' għadd ta' skambji ġudizzjarji li tlestew u bl-offerti disponibbli fil-Katalgu tat-taħriġ.

2009: Rikonoxxut bħala l-parti konċernata fit-tiżni tal-istrateġija tal-ġustizzja elettronika tal-UE.

2010: Tnedija tal-ewwel programmi ta' taħriġ tal-EJTN stess

2012: Jirrappreżenta tkabbir robust kontinwu, il-marka ta' 2 400 parteċipant inqabżet fuq diversi attivitajiet ta' taħriġ tal-EJTN (esklużi dawk tal-Katalgu tal-EJTN).

2013: Il-Kummissjoni Ewropea tapplawdi l-kisbiet EJTN billi tikkonferma r-rwol importanti ħafna tiegħu fit-taħriġ ġudizzjarju, jiġifieri r-Regolament (UE) 1382

/2013 li jagħti lill-EJTN għotja operanti għall-perjodu 2014/2020 skont il-Programm ġdid tal-Ġustizzja tal-UE

2014: L-EJTN jiffirma Memorandum ta' Qbil (MtQ) ma' 12-il network u assoċjazzjoni Ewropej għal kooperazzjoni futura fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju

L-importanza fundamentali tal-EJTN fl-isfera ta' taħriġ ġudizzjarju Ewropew huwa rikonoxxut mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Detalji ta' kuntatt

Indirizz: Rue du Commerce 123, B-1000 Brussels, Belgium

Status legali: Assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ (aisbl) skont il-liġi Belġjana

Posta Elettronika: [✉ ejtn@ejtn.eu](mailto:ejtn@ejtn.eu);

Fl-oqra relatata

[✉ Sit web tal-EJTN](#)

L-aħħar aġġornament: 12/02/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.